**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 351/2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Supt. Fabian Fleri)**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**-Vs-**

**TANO (GAETANO) FARRUGIA**

***-Omissis-***

**BRADEN GRIXTI**

**Illum, 25 ta’ Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **TANO (GAETANO) FARRUGIA**, ta ' 41 sena , iben Carmel u Dionisja nee' Chircop , imwieled Pieta ' nhar it-30 ta ' Lulju 1977 residenti gewwa Block C2 Flat 11 Pjazza Madonna ta ' Fatima, Pieta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 413577M, ***Omissis*** u **BRADEN GRIXTI**, ta’ 26 sena, iben Vincenza Grixti**,** imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Frar 1993 residenti gewwa 13 Flat

3 Triq it-Turgien, Valletta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 104393M, li tressqu quddiemha akkużati talli nhar it-22 ta' Mejju 2019, ghall-habta ta ' is-06:30hrs minn gewwa ir-residenza bl-isem Maria Assunta li tinsab fi triq l-Isperanza Mosta:-

1. Bil-ħsieb li jaghmlu delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, bil- mezz u bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgħa w tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta ' Alfred Mangion anzjan ta' 66 sena u/jew persuna/i ohra , wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta ' dan id- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta taghhom;

2. Bla ordni skond il-ligi ta ' l-awtorita ' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw zammu jew issekwestraw lil Alfred Mangion anzjan ta ' 66 sena kontra l-volonta ' tieghu;

3. Ikkaġunaw griehi ta ' natura hafifa fuq il-persuna ta ' Alfred Mangion anzjan ta ' 66 sena hekk skond kif iccertifika Dr. Elton Caruana MD n. 5948 mic-centru tas- sahha tal- Mosta ; Art 221 (3) (b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta ' Malta

**Braden Grixti waħdu ġie akkużat ukoll talli:-**

1. Fl-istess dati, hin , lok u cirkostanzi irrenda ruhhu ricediv ai termini tal-artikolu 289 tal-Kap. 9, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta ' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta ' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputati waqt l-eżami jwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta’ Marzu 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 41 (1)(a), 261(a), 261(b), 261(d), 261(e), 261(f), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 263, 267, 268 (d), 269 (g) , 270, 274 (c) , 274 (d) , 275, 276A, 277 (b), 278, 279, 280(2), 281(c) u 284 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 86 , 87 (1) (c) , 87 (1) (e) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal Ligijiet ta ' Malta;
3. Fl-artikoli 214, 215, 221(1), 221(3), 222A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta ' Malta
4. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta ' Malta;

Fil-konfront ta’ Braden Grixti wahdu;

5. Fl-artikoli 49 , 50 u 289 tal-Kodici Kriminali , Kap 9 tal-Ligijiet ta ' Malta;

Rat id-digriet mogħti fis-6 ta’ April 2022 fejn ġie ordnat li l-proċeduri fil-konfront ta’ *Omissis* jitmexxew separatament mill-proċeduri fil-konfront taż-żewġ imputati l-oħra u li jingħata ġudizzju separat f’kull sett ta’ proċeduri;

Semgħet lill-imputati Tano Farrugia u Braden Grixti waqt l-udjenza tat-12 ta’ Mejju 2022 jiddikjaraw li m’għandhomx oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu nħareġ Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni fil-konfront tal-imputat Tano Farrugia għall-fini tal-artikolu 7(2) tal-Kap. 446;

Rat id-digriet mogħti waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu qieset li l-imputat Braden Grixti ma għandux provi xi jressaq u l-kawza ġiet differita għat-trattazzjoni finali;

Rat id-diversi rapporti ppreżentati mill-Uffiċjal tal-Probation li ġiet maħtura biex issegwi lill-imputat Tano Farrugia taħt l-Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat Braden Grixti fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2023;

Rat illi minkejja li ġiet hekk awtorizzata permezz ta' digriet mogħti fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2023, id-difiża tal-imputat Tano Grixti baqgħet ma ppreżentat ebda nota ta' sottomissjonijiet in linea ta' trattazzjoni finali entro t-terminu lilha konċess[1];

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' dan il-każ jikkonċernaw attentat ta' serq li seħħ fit-22 ta' Mejju 2023, kommess, allegatament, minn tliet persuni. Dan l-attentat ta' serq sar minn ġewwa residenza fi Triq l-Isperanza, Mosta għad-dannu ta' persuna anzjana, ċertu Alfred Mangion, li matul il-kommissjoni tad-delitt sofra wkoll offiżi fuq il-persuna tiegħu.

[1] In-nota ppreżentata fil-15 ta' Jannar 2024 ġiet ippreżentata mingħajr ma ntalab u mingħajr ma ġie awtorizzat estensjoni fit-terminu jew tiġdid tat-terminu stabbilit.

Mhux kontestat illi l-malviventi li daħlu biex jisirqu mir-residenza ta' Alfred Mangion, spiċċaw ma serqu xejn.

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputat wettaq hu dik is-serqa jew ħsara ad esklużjoni ta' xi ħadd ieħor. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli ta' kull xorta u indizzjarji li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, iċ-ċertezza assoluta u dan għaliex ftit li xejn jista' jintlaħaq dan il-grad ta' prova fil-prattika. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib lill-akkużat ħati ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-

fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess dispożizzjoni legali jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. »*[2]

Ukoll:-

[2] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales."*[3]

**Provi Saljenti**

**Alfred Mangion**, il-vittma f'dan il-każ, xehed[4] illi nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2019 ħabbat il-bieb tar-residenza tiegħu u minn barra l-bieb qalulu li kienu tal-kumpannija Go. Hu sab tnejn min-nies lebsin kulur griż, u qalulu li kienu ġew javżawh li nhar it-Tnejn ta' wara kienu ġejjin iwaħħlu kaxxa tal-*fibre optic* mal-ħajt tal-faċċata tar-residenza tiegħu 'Maria Assunta', Triq l-Isperanza, Mosta. Imbagħad telqu u rahom jirkbu f'cherry picker abjad li kien ipparkjat fit-triq ta' faċċata u saqu fid-direzzjoni tal-Knisja tal-Isperanza. Iddeskriva wieħed mill-persuni bħala samrani u bil-leħja, u l-ieħor daqsxejn qawwi u kemm kemm iqsar mill-ieħor iżda wkoll bil-leħja[5].

Madankollu, ma ġie ħadd nhar it-Tnejn u lanqas it-Tlieta. Imbagħad l-Erbgħa, 22 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tas-6.30 a.m. ħabtu l-bieb u sema' l-istess leħen jgħidlu li tal-Go. Alfred Mangion xehed illi kif appena bexxaq il-bieb ftit pulzieri, ra żewġ persuni deħlin, lebsin u ġakketta bil-hood imtella' fuq rashom u tefgħuh ġewwa fl-entrata iżda laħaq għajjat "*għajjut*!" b'kemm kellu saħħa. Wieħed minnhom, qabad jagħtih filwaqt li l-ieħor qagħad fuqu. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-Inkjesta Maġisterjali qal li

---

[3] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

[4] Xhieda tat-28 ta' Ġunju 2019. Ara wkoll ix-xhieda tiegħu quddiem l-espert imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti, Dr. Richard Sladden, relazzjoni Dok. RS1, ippreżentat 17 ta' Novembru 2021.

[5] Alfred Mangion għaraf ic-cherry picker li kienu ġew bih dawn iż-żewġ persuni, bħala c-cherry picker li jidher fir-ritratti Dok. LZ10 sa Dok. LZ23.

jaħseb li kien "*l-oħxon*" li qabad jagħtih fuq wiċċu u li baqa' fuqu meta kien mal-art, u xehed ukoll li dawn kienu l-istess żewġ persuni li kienu ġew il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2019. Dawn rabtulu saqajh b'wajer iswed u għattewlu rasu u wiċċu bi flokk tiegħu stess u wieħed minnhom kien qed jagħfaslu id waħda u fl-istess ħin kienu qed jipprovaw jifgawh bil-flokk tant li f'ħin minnhom nifsu kważi telaq għal kollox. Staqsewh fejn qegħdin il-flus u qalilhom li kellu envelope bil-flus fil-mejda taħt it-television iżda jidher li ma kienux rawhom għaliex wara kien sab il-flus intatti. Il-persuna li kienet fuqu, "*l-oħxon*", qallu wkoll li jekk jgħajjat kien ser itih daqqa ta' sikkina wkoll. Qal li qalbu kważi waqfet u ma jiftakar xejn iżjed. Imbagħad ċempel it-telefon tad-dar tiegħu u kif dan beda jċempel, il-persuni telqu 'l barra minnufih. Dak il-ħin, hu qam stordut u billi ma ntebaħx li kellu saqajh marbutin, waqa' fuq koxxtejh u weġġa' ħafna.

Fl-awla tal-Qorti Alfred Mangion għaraf lill-imputat Tano Farrugia u lil Braden Grixti bħala l-persuni li kienu ħabtulu l-bieb fis-17 ta' Mejju 2019 u xehed ukoll illi huwa kien ġie muri sett ta' diversi ritratti mil-Ispettur Fabian Fleri fid-Depot tal-Pulizija u għalkemm ma kien għaraf lil ħadd fir-ritratti meta nwerewlu f'daqqa, meta r-ritratti bdew jinwerewlu wieħed wieħed kien għaraf lil tnejn min-nies li kienu ġew l-ewwel darba fis-17 ta' Mejju 2019[6].

Dan ġie affermat mill-Ispettur Fabian Fleri li xehed[7] illi huwa kien wera lil Alfred Mangion fuq il-kompjuter fl-uffiċċju tiegħu, sett ta' erbgħa u għoxrin ritratt, ilkoll f'paġna waħda, ta' kull wieħed mill-impjegati tal-kumpannija Installations Network Technologies Limited[8] u mistoqsi jekk jagħrafx lil xi ħadd, talab li jara r-ritratti wieħed wieħed, fejn imbagħad kien ipponta lejn ir-ritratt tal-imputat Tano Farrugia bħala wieħed mill-persuni li kienu marru għandu fis-17 ta' Mejju 2019 u kif ukoll fit-22 ta' Mejju 2019,

---

[6] Dawn ir-ritratti jirriżulta li kienu tal-imputat Tano Farrugia u ta' ċertu Diego Grixti (li jirriżulta li ma kellu xejn x'jaqsam mar-reati).
[7] Xhieda tal-21 ta' Ottubru 2019.
[8] Dawn ir-ritratti stampati ġew esebiti kollettivament bħala Dok. FF1.

Alfred Mangion ġie eżaminat fit-22 ta' Mejju 2019 minn Dr. Elton Caruana, li xehed[9] illi l-vittma kien qed isofri minn offiżi ta' natura ħafifa ('*slight save complications*'), konsistenti fi grif vertikali quddiem il-widnejn, bejn 2 sa 4 ċentimetri tul, ħmura orizzontali fil-polz tax-xellug li tixbaħ '*grip mark*', ħmura u grif superfiċjali fl-għaksa tal-lemin u uġigħ fil-kustilji tal-lemin[10].

Ġie eżaminat ukoll minn Dr. Mario Scerri, maħtur bħala espert mediko-legali mill-Maġistrat Inkwirenti. Huwa kkostata tbenġila vjola fuq wiċċu (zygoma) konsistenti ma' *blunt trauma*, u oħrajn fuq l-id ix-xellugija li wkoll hi kompatibbli ma' '*grip mark*' kif ukoll fuq in-naħa tal-lemin tas-sider kompatibbli ma' *blunt trauma*. Din tal-aħħar kienet assoċjata ma' abrażjoni linjari ta' 2.5 ċentimetri. Ikkostata wkoll li l-vittma kellu tbenġil ħamrani u linejari fuq it-tarf inferjuri tal-qasab tas-saqajn[11], li fil-fehma tal-espert hu kompatibbli mal-ipotesi li saqajn il-vittma intrabtulu b'*tie clips* jew *cable ties*.

**Angelino Mifsud** xehed[12] illi huwa joqgħod fi Sqaq ġewwa Triq l-Isperanza, Mosta u madwar xahar qabel, għall-ħabta tas-6.30 a.m. meta kien qed jgħabbi xi xogħol fil-vann ġewwa l-isqaq fejn joqgħod, ġie raġel fuqu imwerwer u qallu biex iċempel lill-Pulizija għaliex kienu qed jisirqu liz-ziju tal-mara tiegħu, Alfred Mangion, li joqgħod xi ħamsin metru iktar 'l isfel minnu. Dan ir-raġel qallu wkoll li filli kien ra tliet irġiel mal-bieb u filli daħlu u sema' għajjat. Xehed illi daħal minnufih biex iċempel 112 u sakemm ħareġ mill-isqaq, iħares 'il fuq u 'l isfel, jara tliet irġiel bil-hood ħerġin jiġru mid-dar ta' Alfred Mangion u daħlu ġo karozza li kienet tidher li hi tal-għamla Vitz, kulur griż bajdani. Sema' l-karozza tistartja u raha ħierġa "*gas down*" u ħarbet 'l isfel lejn il-Knisja tal-Isperanza. Imbagħad qagħad jistenna lill-Pulizija u daħal magħhom fejn sabu lil Alfred Mangion imwerwer u qallu li kienu rabtulu saqajh bil-lasktuwa. Xehed illi huwa ra din il-lasktuwa sewda mal-art.

---

[9] Xhieda tal-21 ta' Ottubru 2019.
[10] Xhieda Dr. Elton Caruana 21 ta' Ottubru 2019; ara wkoll Dok. EC1.
[11] Ara ritratti bin-numru 6 u 7 fir-relazzjoni Dok. MS1.
[12] Xhieda tat-28 ta' Ġunju 2019.

Fil-fatt, l-evidenza proċesswali turi illi instabu fis-salott fir-residenza ta' Alfred Mangion, *tie clips* ta' lewn iswed fl-art kif ukoll fuq credenza kif jidher fir-ritratti f'paġna 28 u paġna 29 tal-*proces-verbal*[13] li jifformaw parti mir-relazzjoni ta' PC 406 Sean Micallef, l-espert tax-xena tad-delitt maħtur fl-Inkjesta. Dawn it-*tie clips* ġew elevati minn PS 637 Kevin Manicolo[14] u ġew mgħoddija minnu lil Dr Marisa Cassar l-espert seroloġista maħtura fl-Inkjesta għall-fini ta' analiżi ta' DNA[15].

**L-imputat Tano (Gaetano) Farrugia** għażel li ma jixhedx quddiem il-Qorti iżda kien irrilaxxa stqarrija waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fl-10 ta' Ġunju 2019[16]. Huwa kkonferma li n-numru tal-mobile phone tiegħu huwa 99998397[17] u għandu wkoll mobile phone ieħor bil-linja tal-Melita li ġie elevat mill-Pulizija fil-preżenza ta' martu[18], iżda ma setax jikkonferma jekk in-numru tat-tieni mobile huwiex 77155795. Afferma wkoll li huwa impjegat tal-kumpannija ta' Saviour Vassallo u xogħolu jwaħħal kaxxi tal-*fibre optic* tal-kumpannija Go. Fuq ix-xogħol huwa jsuq u juża cherry picker tal-għamla GMC u meta din tkun bil-ħsara juża ieħor tal-għamla Mitsubishi Canter. Qal li ġeneralment jipparkja dan ic-cherry picker bil-lejl fejn id-dar tiegħu. Jaqbel ukoll li fil-15 ta' Mejju 2019, ic-cherry picker tal-għamla GMC spiċċa bil-ħsara u kien ġie rmonkat għal għand il-mekkanik fejn dam jissewwa madwar ġimgħa jew ġimgħa u nofs, f'liema perijodu huwa kien qed juża minfloku, ic-cherry picker tal-għamla Mitsubishi Canter. Afferma wkoll li huwa familjari ma' Triq l-Isperanza, Mosta, iżda ċaħad li qatt ħadem f'din it-triq jew ħabbat xi bibien f'din it-triq għalkemm ġie li għadda minnha. Tano Farrugia irrifjuta li jwieġeb għall-

---

13 PV Numru 503/19, Dok. GA1.

14 Esebiti bin-numru 29 BFD 201, 202 u 203.

15 Dr. Marisa Cassar xehdet illi ma nħareġ ebda profil ġenetiku mill-esebiti msemmija li jaqbel mal-profili ġenetiċi ta' Braden Grixti, Tano Farrugia u Omissis, elevati minnha fl-10 ta' Ġunju 2019. Joseph Mallia, l-espert tal-impronti diġitali, eleva kampjuni tal-impronti diġitali tal-imputati u għamel eżerċizzju komparattiv bejn dawn l-impronti u l-lifters (esebiti bin-numru 19 BFD 301, 19 BFD 302, 19 BFD 303, 19 BFD 304) elevati minn PS 637 Kevin Manicolo minn fuq erba' kaxxi li kienu jidhru spostati fost it-taqlib li kien hemm fir-residenza ta' Alfred Mangion (Dok. KM1). Madankollu, ma nstabu l-ebda impronti diġitali ta' ebda wieħed mill-imputati fuq l-imsemmija esebiti.

16 Ara traskrizzjoni tal-istqarrija awdjo-viżwali ta' Tano Farrugia, Dok. MM1(A).

17 Dan il-mobile phone ġie konfiskat minn PS 1337 Kevin Curmi (ara xhieda tal-21 ta' Ottubru 2019), u esebit mill-Ispettur Fabian Fleri Dok. FF4. Ara wkoll xhieda ta' PC 1087 Roderick Degiorgio, 21 ta' Ottubru 2019.

18 Ara xhieda ta' PS 1337 Kevin Curmi u PC 1087 Roderick Degiorgio, 21 ta' Ottubru 2019. Esebit Dok. FF4.

mistqosijiet l-oħra li sarulu waqt l-interrogazzjoni iżda stqarr li l-isem "Steve P2" fil-mobile phone tiegħu bin-numru tal-Melita, huwa Roderick Zahra.

**L-imputat Braden Grixti** ukoll ma xehedx iżda waqt l-interrogazzjoni tiegħu fl-10 ta' Ġunju 2019, stqarr[19] illi fl-20 ta' Mejju 2019 filgħaxija, kien irċieva telefonata x'aktarx mingħand Roderick Zahra, u ftiehmu li jitlaqgħu biex jitkellmu. Ikkonferma li n-numru tal-mobile phone tiegħu hu 99987183[20], u kien iltaqa' ma' Roderick Zahra u ma' Tano Farrugia ħdejn il-foss tal-Belt fejn qalulu li għandhom biċċa xogħol u sejrin idawru lira tajba. Spjegawlu li kellhom jidħlu ġo dar il-Mosta fejn skont Tano Farrugia, kien joqgħod persuna ta' ċirka ħamsin sena li kien wiret xi flus, jieħdu envelop li skont Tano Farrugia kien fih bejn €50,000 u €70,000, u jaħarbu 'l hemm. Il-flus kellhom jinqasmu bejniethom it-tlieta. Hu aċċetta għaliex dak iż-żmien kien bla xogħol u kellu bżonn il-flus. Il-ftehim kien li hu kellu jħabbat il-bieb u kif il-persuna tiġi tiftaħlu, kellu jitla' fuqu. Kienu ftiehmu wkoll li ma jeħdux magħhom il-mobile phones tagħhom. Fil-21 ta' Mejju 2019, kienu għaddew għalih kmieni fil-għodu Tano Farrugia u Roderick Zahra b'karozza Toyota Vitz griża misjuqa minn Roderick u marru l-Mosta, iżda meta ħabbtu fuq il-bieb tar-residenza, ħadd ma fetaħ u telqu 'l hemm. Minn hemmhekk ftiehmu għall-għada fl-istess ħin, kien xi ħin qabel it-8.00 a.m. Reġgħu għaddew għalih minn ħdejn il-foss tal-Belt, u meta waslu l-Mosta, ipparkjaw faċċata tad-dar fejn kellhom jidħlu jisirqu. Mat-triq kienu waqfu Birkirkara fl-akkwati tal-Iklin, fejn l-oħrajn qalgħu l-pjanċi tal-vettura u biddluhom b'oħrajn. Għalkemm għall-ewwel Tano Farrugia kien qallu li jrid jitkellem hu u kellu jgħid li kien minn tal-Go, meta waslu, kien Tano Farrugia stess li ħabbat fuq il-bieb u tkellem.

Braden Grixti kompja jistqarr illi hekk kif infetaħ il-bieb, huwa għamel pass u r-raġel li kien fetaħ ipprova jaqbdu iżda baqgħu deħlin it-tlieta li huma bih b'kollox u żammewh. Hemmhekk induna li r-raġel kien iktar xiħ minn dak li kienu qalulu l-oħrajn. Hu għamillu maktur ma' wiċċu u żammlu siequ biex jorbtulu saqajh *b'tie clips*

[19] Ara traskrizzjoni tal-istqarrija awdjo-viżwali ta' Braden Grixti, Dok. MM1(C).
[20] Dan il-mobile phone ġie elevat waqt tfitxxija fuq il-persuna ta' Braden Grixti meta ġie arrestat fl-10 ta' Ġunju 2019. Ara xhieda tal-Ispettur Fabian Fleri tal-21 ta' Ottubru 2019 u Dok. FF4.

li kienu f'baskett li kellu Roderick Zahra. Tano kien l-iktar wieħed li żamm lill-anzjan b'idu u qagħad għassa miegħu għaliex kien l-iktar wieħed b'saħħtu minnhom kollha, filwaqt li hu u Roderick fittxew fil-kmamar l-oħra biex isibu envelop li l-anzjan qalilhom kien ħdejn it-televixin. Hu ma kien sab ebda envelop. F'daqqa waħda beda jdoqq it-telefon u xi ħadd mill-oħrajn għaddhielu ħsieb li jista' jkun xi '*buzzer*' u ddeċidew li jitilqu 'l hemm. Kien Roderick li saq il-karozza meta telqu minn fuq il-post u wasslu l-Belt. Minn dakinhar ma semgħex iktar bihom.

Braden Grixti ċaħad illi huwa kien involut jew kien jaf li fis-17 ta' Mejju 2019, Tano Farrugia u Roderick Zahra kienu diġa' marru għand l-anzjan, ħabbtulu u qalulu li kienu minn tal-kumpannija Go. Hu sostna li ma kellux x'jaqsam ma' dak l-episodju u ma kienu qalulu xejn. Ċaħad ukoll li qatt rikeb f'cherry picker għalkemm kien jaf li Tano Farrugia kellu cherry picker għaliex l-ewwel darba li għaddew għal Tano l-Imsida, kien pparkja cherry picker quddiem l-Għassa tal-Pulizija.

Stqarr ukoll li jiddispjaċih ħafna ta' dak li għamel u jixtieq jieħu għajnuna għall-problema tad-droga li għandu, tant li ddikjara li huwa lest imur il-ħabs biex jgħin lilu nnifsu u jkun imġiegħel jieħu l-għajnuna.

Ikkunsidrat;

Illi fis-6 ta' April 2022, il-Qorti ordnat is-separazzjoni minn mal-proċeduri odjerni, tal-proċeduri fil-konfront tal-ko-imputat *Omissis*, li kien ġie akkużat flimkien mal-imputati l-oħra, Tano Farrugia u Braden Grixti. Minkejja s-separazzjoni tal-proċeduri, jibqa' l-fatt illi iż-żewġ stqarrijiet li ġew rilaxxati lill-Pulizija minn *Omissis* fid-9 ta' Ġunju 2019 u fl-10 ta' Ġunju 2019, kienu u baqgħu stqarrijiet rilaxxati minn ko-akkużat u ma nġiebet ebda prova li in segwitu għas-separazzjoni tal-ġudizzju, l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' *Omissis* ġiet determinata b'sentenza finali li saret *res judicata* jew ġie mwiegħed jew mogħti mill-Gvern l-impunità sabiex ikun jista' jixhed f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, għall-Qorti, *Omissis* kellu jibqa' jitqies bħala ko-akkużat u mhux bħala xhud kompetenti skont l-artikolu 629(1) tal-Kap. 9 li jgħoddu

fil-konfront tiegħu id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 636(b) tal-Kap. 9. F'kull każ, anke fl-eventwalita' li *Omissis*, f'xi stadju, ma kienx baqa' jiġi meqjus bħala ko-akkużat, kien jinħtieġ li jinġieb quddiem il-Qorti biex jinsama' *viva voce* skont kif meħtieġ mill-artikolu 647 tal-Kap. 9. Iżda *Omissis* qatt ma xehed quddiem il-Qorti u konsgwentement, kwalunkwe stqarrija jew dikjarazzjoni li jkun ġie rilaxxat minnu (salv għal xi stqarrija rilaxxata għall-fini tal-artikolu 30A tal-Kap. 101) ma tiswix bħala prova sakemm ma tkunx ingħatat f'waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba taħt id-dispożizzjonjiet tal-artikolu 646 tal-Kap. 9[21] b'deroga għar-regola li x-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati mill-qorti u *viva voce*.

Il-korollarju ta' dan kollu hu li kull stqarrija jew dikjarazzjoni li setgħet ġiet rilaxxata minn *Omissis* u mill-ko-imputat Braden Grixti, li kien u baqa' ko-akkużat, ma tiswix favur jew kontra l-persuna jew persuni l-oħra ko-akkużati bl-istess delitti. Huwa prinċipju fondamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, ma jistax jitqies bi preġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat, u dak li tgħid persuna akkuzata jgħodd biss fil-konfront tagħha. Ir-*raison d'etre* ta' din ir-regola tinsab fil-fatt illi persuna li qiegħda tiġi akkuzata bl-istess reat bħall-awtur tar-reat, jaf ikollu interess qawwi illi jtaffi l-ħtija jew ir-responsabilita` tieghu u jixhet tali htija u responsabilita` fuq haddiehor.

Dan il-prinċipju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra[22].

In tema ingħad:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu*

---

[21] Senjatament is-subartikoli (3) u (11) tal-artikolu 646.

[22] **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.

*jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[23].

Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. *Omissis* u Jeremy Farrugia**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-

*"... r-regola ... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz (ara f'dan is-sens **Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri** Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija v. Toni Pisani** Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Karmenu Vella** Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police v. Alfred W. Luck et.** Appell 3 Kriminali, 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara** Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et**. Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri u Theresa Agius** Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et.** Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998)."*

Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omisses, Anthony Galea**[24]

[23] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.
[24] Deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Marzu 2019.

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghallgurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan ilprincipju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur blistess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

Konformement ma' dan, il-verżjoni ta' *Omissis* fiż-żewġ stqarrijiet li rrilaxxa (waħda wara li rrinunzja għad-dritt għall-assistenza legali[25] u t-tieni waħda wara li ħa parir mingħand Dr. Emanuel Mallia), fejn mhux biss ammetta l-involviment tiegħu fid-delitti addebitati lill-ko-imputati iżda seta' implika lilhom ukoll fid-delitti, ma tghoddx

[25] Dwar din l-istqarrija xehed l-Ispettur Lydon Zammit iżda ma qatt ma ġie prodott dokument bl-istqarrija fi forma awdjo-viżwali jew traskritt.

u ma tagħmel l-ebda prova fil-konfront tagħhom u konsegwentement, fiċ-ċirkostanzi, fejn *Omissis* ma għadux akkużat f'dan il-proċediment, il-Qorti sejra tiskarta għal kollox l-imsemmija stqarrijiet tiegħu.

L-istess jgħodd, naturalment, għall-istqarrija li ġiet rilaxxata minn Braden Grixti – din m'hijiex sejra titqies bħala prova favur jew kontra l-ko-akkużat Tano Farrugia filwaqt li l-istqarrijia rilaxxata mill-imputat Tano Farrugia ukoll ma tista' tagħmel ebda prova fil-konfront ta' Braden Grixti.

Ikkunsidrat;

L-abbli difensur tal-imputat Braden Grixti, fit-trattazzjoni, argomenta illi l-istqarrija li ġiet rilaxxata minnu fl-10 ta' Ġunju 2019 ġiet hekk rilaxxata mingħajr ma kien assistit minn avukat u meta kien fi stat vulnerabbli, tant illi l-istess Braden Grixti ddikjara waqt l-interrogazzjoni li ried jidħol il-ħabs biex jingħata l-għajnuna biex jegħleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiza, jirriżulta minnufih minn eżami tat-traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat Braden Grixti, illi huwa afferma espressament illi meta ġie arrestat mill-Pulizija dakinhar stess, kien ġie mogħti mhux biss il-mandat tal-arrest u tfittxija iżda wkoll d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu, tant illi kkonferma li qabel ġie interrogat u qabel irrilaxxa l-istqarrija, kien ikkonsulta ma' ċertu Dr. Gatt u ħa parir mingħandu[26]. Jirriżulta wkoll mit-traskrizzjoni tal-istqarrija li Braden Grixti ngħata wkoll id-dritt li ma jweġibx għal kwalsiasi mistoqsija li ssirlu waqt l-interrogazzjoni.

Il-Qorti ma riskontrat ebda ommissjoni jew nuqqas min-naħa tal-Pulizija Eżekuttiva mid-dmir legali tagħha a tenur tal-artikolu 534AB tal-Kap. 9, li tinforma minnufih lil Braden Grixti, bħala persuna suspettata, bid-drittijiet proċedurali tiegħu taħt is-

[26] Ara paġna 276 tal-atti tal-kawża.

subartikolu (1), senjatament bid-dritt ta' aċċess għal avukat[27] kif imfisser fl-artikolu 355AUA(8) tal-Kap. 9 u d-dritt li jibqa sieket[28].

Bl-emendi li daħlu fis-seħħ bil-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, il-leġislatur iddispona espressament li d-dritt ta' aċċess għal avukat biex ikun konformi mad-dettami tal-artikolu 355AUA tal-Kap. 9 u biex id-drittijiet tad-difiża jitħallew jiġu eżerċitati b'mod prattiku u effettiv, għandu jfisser, in suċċint u *inter alia*:-

(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;
(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;
(c) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt lil-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni;
(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni;
(e) l-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza.

[27] Art. 534AB(1)(a) tal-Kap. 9.
[28] Art. 534AB(1)(e) tal-Kap. 9.

Ix-xhieda tal-Ispettur Lydon Zammit li Braden Grixti "*ġie mogħti d-drittijiet kollha tiegħu*" u "*Hu għażel li jieħu l-parir legali u tkellem mal-avukat tal-għażla tiegħu*" baqgħet inkontradetta u mhux skreditata u qatt ma ġie mistoqsi mid-difiża biex jippreċiża xi drittijiet ingħataw jew ma ngħatawx lil Braden Grixti qabel ġie interrogat fl-10 ta' Ġunju 2019. Il-fatt fih innifsu li ma kienx assistit legalment waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx li ma kienx ingħata d-dritt li jkun hekk assistit u fil-fatt, għandu jiġi osservat illi qatt ma kien punt ikkontestat matul is-smigħ tal-kawża li l-imputat Braden Grixti ma kienx ġie mogħti d-dritt ta' assistenza legali qabel jew matul l-interrogazzjoni jew atti oħra tal-investigazzjoni. Fil-fatt, fl-ebda waqt fil-proċediment ma ġie mqanqal dubju dwar ix-xorta tad-drittijiet legali li ngħataw lill-imputat Braden Grixti, u qatt ma ġie allegat li dawn ma kienux konformi mad-dettami tal-liġi u kien biss fl-istadju tat-trattazzjoni finali li tqajjem għall-ewwel darba ilment dwar l-istqarrija rilaxxata minn Braden Grixti. Minn dan, il-Qorti hi sodisfatta illi kienet għażla ta' Braden Grixti nnifsu li ma jkunx assistit fiżikament minn avukat matul l-interrogazzjoni u mhux għaliex dan id-dritt qatt ma ngħatalu.

Miżmum ferm il-fatt illi l-imputat innifsu afferma bla tlaqliq waqt l-interrogazzjoni li kien ħa parir mingħand l-avukat tal-għażla tiegħu għall-Qorti hu biżżejjed biex tkun sodisfatta li meta l-Ispettur Lydon Zammit xehed li Braden Grixti "*ġie mogħti d-drittijiet kollha tiegħu*", dawn id-drittijiet kienu d-drittijiet meħtieġa espressament mil-liġi, fosthom id-dritt tal-aċċess għal avukat kif imfisser fl-artikolu 355AUA u l-artikolu 534AB tal-Kap. 9 ma kien hemm ebda nuqqas fir-rigward. Għaldaqstant, filwaqt li tassew Braden Grixti ma kienx assisit legalment waqt l-interrogazzjoni, ma jirriżultax – u dan att ma ġie allegat mid-difiża f'ebda stadju – li dan kien dovut għal xi nuqqas mill-Pulizija Eżekuttiva li teżegwixxi xi dmir tagħha li tinforma lill-persuna suspettata bid-drittijiet proċedurali kollha tagħha kompriż id-dritt ta' aċċess għal avukat skont il-liġi u konsegwentement, il-Qorti m'hijiex sejra tiskarta l-istqarrija rilaxxata minn Braden Grixti fl-10 ta' Ġunju 2019 għaliex ma kienx ingħata dritt ta' aċċess għal avukat skont il-liġi.

Kif ingħad diġa’, id-difiża tikkontendi wkoll li meta l-imputat Braden Grixti ġie arrestat u interrogat mill-Pulizija, kellu jitqies bħala persuna suspettata vulnerabbli u għalhekk, il-ħtieġa li jkun assisit legalment waqt l-interrogazzjoni kellha tassuma importanza elevata bil-konsegwenza li dak li ġie mistqarr waqt l-interrogazzjoni għandu jiġi mwarrab. Id-difiza tikkontendi li l-imputat dak iż-żmien suspettat, ma setax kien f’qagħda psikoloġika stabbli għaliex stqarr espressament u minn jeddu li għandu problema ta’ abbuż mid-droga u jixtieq jingħata l-għajnuna, tant illi kien lest imur il-ħabs għall-għajnuna. Qal “*mela jekk m’intomx ħa titfgħuni l-habs ha mmur ninqafel jigifieri minn jeddi jien...*”[29]

Il-Qorti tifhem illi l-imputat seta’ kellu problema tad-droga u xtaq jegħleb dan il-vizzju iżda dan ma jfissirx illi waqt li kien qed jiġi interrogat kien taħt l-influwenza tad-droga u ma kienx jaf x’kien qed jgħid, u fl-ebda waqt ma saret xi allegazzjoni f’dan is-sens. Lanqas jirriżulta li kellu bżonn xi assistenza medika jew talab għal din l-għajnuna, u ma ngħatatlux, jew li kien ibati minn xi kundizzjoni medika jew problemi ta’ ansjeta’ jew dipressjoni. Il-Qorti fehmet li din id-dikjarazzjoni tal-imputat kienet espressjoni ossia manifestazzjoni tal-fatt li huwa jirrikonoxxi li għandu problema u tax-xewqa tiegħu li jindirizza din il-problema b’mod effettiv, anke jekk dan ifisser li jrid jintbagħat il-ħabs biex jilħaq l-oġġettiv tiegħu.

Fuq kollox, l-imputat għamel din id-dikjarazzjoni fl-aħħar tal-interrogazzjoni wara li ġie mistoqsi jekk jiddispjaċihx ta’ dak li ġara u mhux fil-bidu meta allura seta’ tqajjem suspett li d-dikjarazzjonijiet inkriminanti li għamel fil-konfront tiegħu nnifsu, setgħu kienu qed isiru bil-ħsieb speċifiku li jintbagħat il-ħabs u biex b’hekk jingħata l-għajnuna.

Iżda f’kull każ, ma hemm ebda prova li Braden Grixti kien persuna vulnerabbli. Il-Qorti ma riskontrat ebda prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Fil-fatt, jirriżulta li huwa kien ġie mgħarraf u kien jaf bir-reati li

[29] Ara traskrizzjoni tal-istqarrija, paġna 307 tal-atti tal-kawża.

dwarhom ġie arrestat u kien sejjer jiġi interrogat, u dan anke qabel ikkonsulta mal-avukat tiegħu. Dak iz-zmien huwa kellu xejn inqas minn sitta u ghoxrin sena u huwa wkoll evidenti minn ħarsa lejn il-fedina penali tiegħu li din hi waħda ferm refrattarja tant li ġie kundannat diversi drabi mill-qrati inkluż piena ta' priġunerija effettiva, u għalhekk żgur mhux każ fejn qatt ma kellu qabel esperjenza ta' interrogazzjoni mill-Pulizija.

Ma ġie riskontrat lanqas ebda ħjiel li Braden Grixti ma kienx f'siktu jew skomdu jew kien fi stat li ma kienx f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni volontarja meta kien qed jiġi interrogat. Ma jirriżultax lanqas li kien imbeżża' u ġie mġiegħel jew impoġġi taħt pressjoni biex jagħti l-istqarrija kontra r-rieda tiegħu jew billi ġie mwiegħed xi favur jew mhedded u lanqas li seta' kellu xi grad baxx ta' intelliġenza ordinarja.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tagħti piż lill-istqarrija ta' Braden Grixti, rilaxxata minnu fl-10 ta' Ġunju 2019 wara li ngħata d-drittijiet kollha legali lilu spettanti skont il-liġi. Huwa minnu li huwa għamel dikjarazzjonijiet ferm inkriminanti għalih f'din l-istqarrija, iżda wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni hija l-prova reġina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-ħtija tal-persuna akkużata b'reat kriminali, purche' l-istqarrija tkun saret volontarjament u ma gietx imġiegħla, jew meħuda b'theddid, jew b'biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi, kif imfisser fl-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, intqal hekk:

*"Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-*

*prova regina w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".*

Il-Qorti tosserva illi f'kull każ, il-verżjoni fl-istqarrija ta' Braden Grixti, safejn tikkonċerna l-avvenimenti tat-22 ta' Mejju 2019, hija wkoll pjenament kompatibbli mal-verżjoni tal-vittma Alfred Mangion fix-xhieda tiegħu, fosthom fejn Braden Grixti ikkonfessa li kien daħal bil-forża flimkien maż-żewġ kompliċi tiegħu fir-residenza tal-vittma wara li kienu ħabbtulu kmieni fil-għodu taparsi mill-Go, li l-vittma ġie msawwat u marbut minn saqajh b'*cable ties* u li bdew ifittxu u jqallbu fid-dar. Il-verżjoni ta' Braden Grixti hi konfortata wkoll mill-vittma nnifsu f'dik il-parti fejn fisser kif kien qalilhom li l-flus kienu taħt it-television iżda kienu telqu lkoll ħesrem minn fuq il-post meta beda jċempel it-telefon, u dan mingħajr ma sabu l-flus li kienu qed ifittxu u li ma laħqu serqu xejn.

Iktar minn hekk, il-kuntatt telefoniku li Braden Grixti stqarr li kien sar bejnu u *Omissis* fl-20 ta' Mejju 2019 kif ukoll fil-jumejn ta' wara, huwa evidenzjat fil-*call profiles* tan-numru 99987183[30] - in-numru tal-mobile phone li ġie konfiskat minn Braden Grixti[31] - li juru li huwa kien irċieva numru ta' telefonati min-numru 99602282 tal-istess *Omissis*[32] fl-20 ta' Mejju 2019 kif ukoll fit-22 ta' Mejju 2019.

Għaldaqstant il-Qorti ma għandha ebda dubju li Braden Grixti għandu jinstab ħati li kien kompliċi fl-attentat ta' serq li sar fit-22 ta' Mejju 2019 għad-dannu ta' Alfred Mangion ġewwa r-residenza tiegħu fil-Mosta.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti serja tgħaddi issa biex tistħarreġ il-provi li jorbtu l-imputat Tano Farrugia mad-delitti addebitati lilu fl-akkużi.

---

[30] Dok. CZ1. Ara wkoll xhieda ta' Charmaine Zammit, 11 ta' Frar 2020.
[31] Fl-interrogazzjoni huwa stqarr li n-numru tal-mobile phone tiegħu huwa 99987183.
[32] Ara stqarrija ta' Roderick Zahra fejn ikkonferma li n-numru tal-mobile phone tiegħu huwa 99602282.

Alfred Mifsud xehed illi ż-żewġ persuni li fis-17 ta' Mejju 2019 qalulu li huma mill-kumpannija Go u li kellhom jerġgħu jmorru għandu biex iwaħħlu kaxxa mal-faċċata tad-dar tiegħu, rikbu f'cherry picker abjad meta telqu minn fuq il-post. Fis-17 ta' Mejju 2019 cherry picker abjad tal-għamla Mitsubishi Canter[33] għadda minn Triq l-Isperanza, Mosta u minn Triq Nicolo' Isouard, Mosta, bejn 5:59h u 6:02h, u mbagħad minn Triq il-Kostituzzjoni fis-06:03h u fil-ħinijiet ta' wara. Dan jirriżulta mill-filmati ta' CCTV cameras elevati mir-residenza 147, Triq l-Isperanza, Mosta u l-istabbiliment Miracle Foods fi Triq Isouard, Mosta, kif ukoll mis-sistema ta' Transport Malta (Mosta Rotunda Area) fejn ġie identifikat ukoll in-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu BCH-724[34].

Mill-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li din il-vettura hija liċenzjata f'isem Saviour Vassallo għan-nom tal-kumpannija Installations Network Technology Limited[35]. L-istess Saviour Vassallo, id-direttur tal-kumpannija Installations Network Technologies Limited, ikkonferma illi l-vettura tappartjeni lill-imsemmija kumpannija u fix-xhieda tiegħu fisser illi l-kumpannija tiġi kummissjonata minn service providers, fosthom Go plc, biex tagħmel għall-klienti tagħhom xogħol ta' istallazzjoni ta' servizz magħruf bħala *Fibre to the Home* (FTTH), konsistenti fit-twaħħil ta' kaxxa fuq il-faċċata jew bejt tal-blokok tal-bini. Għal dan l-iskop, is-service provider kien jagħmel isir l-appuntament mal-klient u għal dan ix-xogħol il-kumpannija għandha żewġ cherry pickers, wieħed tal-għamla GMC 3500 u l-ieħor Mitsubishi Canter li bin-numru ta' reġistrazzjoni BCH-724 li jintuża meta l-GMC ikun bil-ħsara. Xehed ukoll illi dak iż-żmien kienet tintuża minn Tano Farrugia u Tyrone Farrugia, impjegati tal-kumpannija, u Tano Farrugia kien jipparkjah bil-lejl fil-bitħa ta' wara r-residenza tiegħu.

Dan ġie konfermat mill-imputat Tano Farrugia nnifsu fl-istqarrija li rrilaxxa fl-10 ta' Ġunju 2019, fejn ammetta wkoll li din il-vettura tal-kumpannija Installations Network

[33] Il-logo tal-vettura tidher ċar fl-istill meħud mill-filmat ta' CCTV camera ġewwa Triq Isouard, ara time-line Dok. MC1, paġna 460 tal-atti tal-kawża.
[34] Ara hard-drive Dok. FF1 – AMPR Transport Malta - u stills fit-time line Dok. MC1, paġna 462 tal-atti tal-kawża.
[35] Ara Dok. KC1, u xhieda ta' Karen Cremona tal-20 ta' Ġunju 2019.

Technology Limited kienet ntużat minnu fis-17 ta' Mejju 2019 għaliex ic-cherry picker l-ieħor tal-kumpannija, tal-għamla GMC 3500, kien għat-tiswija[36].

Fil-fatt, ir-records tal-kumpannija Installations Network Technology Limited juru li Tano Farrugia kien xogħol fis-17 ta' Mejju 2019 kif ukoll fit-22 ta' Mejju 2019, meta c-cherry picker li skont Alfred Mangion, kienu ġew bih iż-żewġ persuni li ħabtulu l-bieb dakinhar għall-ħabta tas-6.30 a.m., jintlemaħ ħiereġ minn Triq l-Isperanza għal Triq Nicolo' Isouard, Mosta fl-istess ħin u sussegwentement għaddej minn Triq il-Kostitizzjoni, Mosta[37]. Din l-evidenza tpoġġi lil Tano Farrugia fl-akkwati tar-residenza ta' Alfred Mangion fil-ħin approssimattiv meta ż-żewġ persuni li qalulu li huma mill-kumpannija Go, ħabtu fuq il-bieb tiegħu.

Madanakollu, Saviour Vassallo xehed illi l-kumpannija tiegħu ma kelliex xogħol fl-akkwati tal-Mosta fis-17 ta' Mejju 2019 (u lanqas fit-22 ta' Mejju 2019) u l-aħħar biċċa tax-xogħol fil-Mosta li ngħatat lill-kumpannija kienet fil-15 ta' April 2019 u in segwitu, fit-28 ta' Mejju 2019[38], għalkemm dak iż-żmien kien hemm ħafna xogħol fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar. Minn dan hu eskluż illi l-imputat Tano Farrugia kien jinsab il-Mosta bic-cherry picker fis-17 ta' Mejju 2019 fuq xogħol.

Fid-9 ta' Ġunju 2019 meta l-Pulizija arrestaw lil Tano Farrugia[39], huma kkonfiskaw żewġ mobile phones appartenenti lilu: wieħed tad-ditta Samsung Galaxy J3 bin-numru 77155795 li nstab fil-pussess tiegħu meta saret tfittxija fuqu, u mobile phone ieħor iktar tard fl-istess data waqt tfittxija li saret fir-residenza tiegħu fil-prezenza ta' martu Fiona Farrugia (Alcatel One Touch), liema mobile phone kellu n-numru 99998397 li kien reġistrat f'isem Installations Network Technology Limited.

---

[36] Ara xhieda ta' Saviour Vassallo li kkonferma li l-uniku cherry picker ieħor tal-kumpannija, li ġeneralment tintuża mill-impjegati, il-GMC 3500, kien għat-tiswija bejn il-15 ta' Mejju 2019 u t-28 ta' Mejju 2019; ara dokumenti Dok. SV3, SV 4 u SV5.

[37] F'liema waqt ġie identifikat in-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu BCH 724.

[38] Dok. SV6, paġna 114 tal-atti proċesswali.

[39] Tano Farrugia ġie arrestat minn PS 1337 Kevin Curmi u l-Ispettur Fabian Fleri fid-9 ta' Ġunju 2019 – ara x-xhieda rispettiva tagħhom.

Huwa stabbilit mill-provi illi Tano Farrugia kien fl-inħawi tal-Mosta wkoll fit-22 ta' Mejju 2019 u dan sewwasew għall-ħabta tal-ħin meta seħħ l-attentat ta' serq mir-residenza ta' Alfred Mangion. Il-*call profiles* tan-numru 77155795[40] juru li saru żewġ telefonati li nqabdu mic-cell tower 'One Blue Lemon' fis-6:44: waħda ta' tlettax-il sekonda u l-oħra ta' disa' sekondi lin-numru 99130989 u lin-numru 21225136 rispettivament.

Il-Qorti tqis illi l-argoment tad-difiża tal-imputat Tano Farrugia, li huwa kien għaddej mill-Mosta fi triqtu lejn il-Qawra jew San Pawl il-Baħar fejn kien qed jaħdem regolarment fix-xahar ta' Mejju 2019, jew seta' mar jixtri x'jiekol minn xi stabbiliment il-Mosta, huwa fieragħ. Huwa minnu li Tyrone Farrugia, ukoll impjegat mal-kumpannija Installations Network Technologies Limited, xehed illi ġieli meta kien ikun fuq xogħol il-Qawra, kien jgħaddi mal-kollega tiegħu Tano Farrugia kmieni fil-għodu mill-Mosta u jiefqu jixtru x'jieklu minn stabbilimenti ġewwa l-Mosta stess. Iżda ftit jagħmel sens loġiku li fit-22 ta' Mejju 2019l, meta telaq mir-residenza tiegħu fil-Pieta' l-imputat mar jixtri mill-Mosta meta ma kienx fuq xogħol il-Mosta[41], u mbagħad reġa' mar lura fl-istess direzzjoni lejn is-Swatar.

Magħdud dan il-fatt illi fiż-żewġ okkażjonijiet, fis-17 ta' Mejju 2019 u fit-22 ta' Mejju 2019, il-*call profiles* tal-mobile phone tal-istess imputat juru li fil-ħinijiet minnufih wara li kien il-Mosta għall-ħabta ta' 06:44h fit-22 ta' Mejju 2019, huwa baqa' sejjer Gwardamangia (06:55h)[42], imbagħad il-Furjana fis-07:16h[43] u iktar tard lejn l-akkwati ta' Birkirkara (08:38h), u fl-ebda waqt il-*call profiles* juru li mar lejn il-Qawra jew San Pawl il-Baħar.

Iktar minn hekk, Toyota Vitz ta' lewn griż bħal dik identifikata minn Angelino Mifsud bħala l-vettura li daħlu fiha t-tliet persuni li ħarġu mir-residenza ta' Alfred Mangion u

[40]40 Ara xhieda ta' Emily Abela in rappreżentanza ta' Melita plc, 11 ta' Frar 2020, u Dok. EA1.

[41] Ara xhieda ta' Saviour Vassallo, li xehed li qabel is-17 ta' Mejju 2019 l-aħħar biċċa xogħol li l-kumpannija kellha fl-akkwati tal-Mosta kien fil-15 ta' April 2019 u in segwitu, kien biss fit-22 ta' Mejju 2019 li reġa' kien hemm appuntament ieħor skedat ġewwa l-Mosta.

[42] Mobile phone 99998397. Kien Guardamangia wkoll fis-07:33h: mobile phone 77155795.

[43] Mobile phone 77155795.

telqu minn fuq il-post għall-ħabta tas-6.30 a.m., dehret għaddejja minn Triq Isouard Mosta fit-22 ta' Mejju 2019 fis-05:59h u mbagħad ħierġa minn Triq l-Isperanza għall-istess Triq Isouard, Mosta, fis-06:26h. Kif rajna diġa', is-cell tower 'One Blue Lemon' qabad żewġ telefonati li saru mill-mobile phone ta' Tano Farrugia fis-6:44h, ftit tal-ħin wara li Angelino Mifsud rah t-tliet persuni ħerġin mid-dar tal-vittma. Skont kif jirriżulta mill-mappa mħejjija mill-espert ġudizzjarju l-Perit Valerio Schembri[44], dan ic-cell tower huwa lokalizzat ġewwa jew qrib ħafna ta' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, li tinfed ma' Triq Nicolo' Isouard, Mosta fejn kif ingħad, il-vettura Toyota Vitż inqabdet mis-CCTV camera tal-fond 147, Triq Isouard, Mosta[45] fis-6:26h ħierġa minn Triq l-Isperanza, Mosta. Inċidentalment, din hija l-istess rotta li kien qabad ic-cherry picker biex ħareġ mill-Mosta fis-17 ta' Mejju 2019.

L-espert maħtur mill-Qorti, Dr. Steven Farrugia Sacco, għamel estrazzjoni tal-messaġġi li ġew skambjati bejn in-numru 77155795 (esebit li jifforma parti minn Dok. FF4) li kien abbinat mal-mobile phone Samsung Galaxy J3 illi ġie konfiskat minn Tano Farrugia, u n-numru tal-mobile phone Samsung Galaxy T7 bin-numru 99602282 li għalkemm jinsab reġistrat f'isem Yanika Grima, jirriżulta li ġie konfiskat mill-pussess ta' *Omissis*[46].

Imbagħad, minn eżami tar-relazzjoni tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco jirriżulta li l-imputat Tano Farrugia u l-ko-imputat *Omissis* skambjaw numru ta' messaġġi fit-22 ta' Mejju 2019. Fil-fatt, fil-mobile phone tal-imputat Tano Farrugia instabu messaġġi li ntbagħtu min-numru 77155795, illi jkomplu jsaħħu t-teżi tal-Prosekuzzjoni li huwa kien parteċipi fl-attentat ta' serq fit-22 ta' Mejju 2019.

Minn eżami ta' dawn il-messaġġi fir-relazzjoni Dok. SFS1, jirriżulta illi fil-21 ta' Mejju 2019 bejn 18:39h u 18:51h UTC (korrispondenti għall-ħin ta' 19:39h sa 19:51h

[44] Dok. VS01, f'paġna 511 tal-atti tal-kawża, formanti parti mir-relazzjoni Dok. VS1.
[45] Ara wkoll xhieda ta' Gilbert Magro u PC 965 Meverick Camilleri.
[46] Mobile phone f'evidence bag bin-numru B000956135 (Dok. FF4). Fl-istqarrija rilaxxata minnu fl-10 ta' Ġunju 2019, Tano Farrugia stqarr illi l-isem 'Steve P2' assoċjat man-numru 99602282 fil-mobile phone tiegħu, jirriferi għal Roderick Zahra.

CET), *Omissis* ftiehem ma' Tano Farrugia li dan tal-aħħar kellu jitlaq mid-dar fis-5:45h biex jgħaddi għalih fis-6:00h, u Tano Farrugia wieġeb li fil-"*5.45 niġi għalikom*". Ir-riferenza għal iktar minn persuna waħda f'dan il-messaġġ hi konsistenti max-xhieda ta' Angelino Mifsud illi fit-22 ta' Mejju 2019 kienu tlieta l-persuni li daħlu jisirqu mir-residenza ta' Alfred Mangion. F'dawn il-messaġġi l-imputat Tano Farrugia u *Omissis,* fit-22 ta' Mejju 2019 fil-ħin ta' bejn 06:53h u 09:33h CET (korrispondenti għal 05:53h u 10:33h UTC), ċioe' ftit tal-ħin biss wara l-attentat ta' serq mir-residenza ta' Alfred Mangion, esklamaw diversi drabi kull wieħed minnhom kif kienu qed iħossuhom ħażin ("*Ara x'għamilna! Għadni taħt xokk.*" Ukoll: "*iblah u nofs casat qijat*"; "*Issa wasalt id dar. Ħażin għageb qijad*"), tant illi *Omissis* qal ukoll li jrid imur jaqbeż minn x'imkien fejn ma jsibu ħadd. Qalu wkoll f'dawn il-messaġġi li ma riedux jemmnu "*l-pudina*" li ġrat u li kienu ġejjin "*problemi mill-kbar ... żgur. U mhemmx fejn induru*". Intqal ukoll: "*Gietna ħażin ukoll ta ...*"

Għall-Qorti, l-animu manifestat miż-żewġ ko-imputati fil-messaġġi, kif ukoll il-ħin meta ntbagħtu dawn l-istess messaġġi, huwa konsonanti mal-fjasko li kien għadu kif seħħ fejn l-attentat ta' serq falla għaliex, kif xehed Alfred Mifsud u kif stqarr ukoll Braden Grixti waqt l-interrogazzjoni tiegħu fl-10 ta' Ġunju 2019, il-ħallelin wara li kienu sawtu l-vittma u rabtuh, ħarbu b'idhom f'idhom mingħajr ma rnexxielhom jisirqu dak li kienu qed ifittxu, u dan għaliex inħasdu meta semgħu it-telefon tad-dar iċempel. Dan ikompli jirriafferma r-rabta bejn l-imputat Tano Farrugia u l-attentat ta' serq fuq Alfred Mangion fis-sigħat bikrin ta' filgħodu fit-22 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti tosserva wkoll illi Tano Farrugia bagħat lil Roderick Zahra fil-13:39h UTC u fil-13:40h UTC (korrispondenti mal-ħin 12:39h CET u 12:40h CET) "*Issa wasalt id-dar. Ħażin għaġeb qijad*" u "*Fuq is-sodda qijad għax marid wisq*", rispettivament. Minn eżami tad-dokument tal-attendenza tal-impjegati tal-kumpannija Installations Network Technologies Limited (Dok. SV2) esebit minn Saviour Vassallo, il-prinċipal ta' Tano Farrugia, jirriżulta illi Tano Farrugia, filwaqt li kien xogħol fit-22 ta' Mejju 2019, kien bis-*sick leave* u ma kienx irrapporta għax-xogħol l-għada tal-attentat ta' serq, 23 ta' Mejju 2019 u lanqas fl-24 ta' Mejju 2019.

Dan kollu magħdud jorbot mal-fatt illi Alfred Mangion identifika lil Tano Farrugia pożittivament fl-awla tal-Qorti bħala wieħed mill-persuni li ħabbatlu l-bieb fis-17 ta' Mejju 2019 u skont kif xehed ukoll is-Superintendent Fabian Fleri, kien identifikah ukoll fost erbgħa u għoxrin ritratt li ntwerewlu ftit iktar minn ġimagħtejn wara d-delitt, ukoll bħala wieħed mill-persuni li sussegwentement, fit-22 ta' Mejju 2019 daħal fir-residenza tiegħu u aggredih.

Huwa minnu illi l-identifikazzjoni li saret minn Alfred Mangion fl-awla waqt id-depożizzjoni fit-28 ta' Ġunju 2019 setgħetx ma kienetx kompletament akkurata għaliex ġie reġistrat fil-verbal li għaraf lil Braden Grixti bħala wieħed mill-persuni li kienu ħabbtulu l-bieb fis-17 ta' Mejju 2019, filwaqt li Braden Grixti ċaħad li kien akkumpanja lil sħabu dakinhar u sostna li lanqas kien jaf li kienu diġa' marru jħabbtu għand il-vittma f'okkażjoni oħra. Madankollu, l-identifikazzjoni tal-imputat Tano Farrugia mill-vittma saret darbtejn f'żewġ okkażjonijiet separati u anke jekk għal mument, din l-identifikazzjoni kellha tintrabat biss mal-episodju tas-17 ta' Mejju 2019, in-ness bejn l-imputat Tano Farrugia u d-delitt li sar fit-22 ta' Mejju 2019 huwa abbundantement stabbilit mill-presenza tiegħu fl-akkwati u l-ħin tad-delitt, imnissla mill-*call profiles* u l-messaġġi li nstabu fil-mobile phone li kellu fil-pussess tiegħu meta ġie arrestat u fil-mobile phone ieħor bin-numru reġistrat f'isem il-kumpannija li timpjegah.

Identifikazzjoni li tkompli tiġi rinforzata bid-deskrizzjoni ta' wieħed mill-malviventi fiż-żewġ okkażjonijiet bħala iktar qawwi mill-ieħor ("*l-oħxon*") u bil-leħja – kompatibbli mad-dehra tal-imputat Tano Farrugia li l-Qorti ilha tarah quddiemha ripetutament fuq medda ta' tliet snin u nofs – u l-fatt illi skont Alfred Mangion, il-ħallelin li daħlu jisirqu fit-22 ta' Mejju 2019 u li qalulu li kienu mill-kumpannija Go, kienu l-istess persuni li ġew iħabbtulu fis-17 ta' Mejju 2019 u wkoll qalu li kienu mill-kumpannija Go u rikbu fic-*cherry picker* li dakinhar *ex admissis*, kien fil-pussess ta' Tano Farrugia.

Mill-ġabra tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti hi sodisfatta li hemm biżżejjed evidenza li turi li l-imputat Tano Farrugia kien wieħed mill-persuni li pparteċipa fl-att preparatorju għall-kommissjoni tad-delitt fis-17 ta' Mejju 2019, u fl-attentat ta' serq fuq Alfred Mangion fis-sigħat bikrin ta' filgħodu fit-22 ta' Mejju 2019 u abbażi ta' din evidenza, il-Qorti tqis li tista' tasal b'sikurezza għall-konklużjoni li l-imputat Tano Farrugia kien parteċipi fid-delitti kollha li ġie mixli dwarhom.

Effettivament, il-Qorti ma tirravviża l-ebda xenarju ieħor kwalsiasi, wisq inqas wieħed raġjonevoli, li jista' jnaqqas b'xi mod mill-univoċita' tal-evidenza ċirkostanzjali imressqa mill-Prosekuzzjoni u li tirriżulta mill-atti proċesswali, jew inaqqas mill-konvinċiment tal-Qorti, dwar il-parteċipazzjoni tal-imputat Tano Farrugia fl-attentat ta' serq.

Għaldaqstant, il-Qorti hija abbundantement sodisfatta li l-provi, meħuda komplessivament, juru b'mod konklussiv illi l-imputat Tano Farrugia kien wieħed mill-persuni li daħal jisraq mir-residenza ta' Alfred Mangion u pparteċipa wkoll attivament fis-sekwestru tal-vittma li b'konsegwenza tiegħu l-istess Alfred Mangion sofra offiżi ħfief fuq il-persuna tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi dan kollu magħdud ifisser li Tano Farrugia għandu jinstab ħati tar-reati taħt l-artikoli 86 u 87(1)(ċ) tal-Kap. 9 stante illi evidentement, kien parteċipi fis-sekwestru illegali ta' Alfred Mangion kontra l-volonta' tiegħu permezz tat-trażżin ta' saqajh b'*cable ties* u jew taż-żamma tiegħu għall-fini li jintrabat, kif ukoll ikkaġunalu offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu kif ċertifikat minn Dr. Elton Caruana kif ukoll mill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri. Il-Qorti m'hijiex sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 221(3) tal-Kap. 9 għall-offiżi subiti minn Alfred Mangion għaliex għalkemm il-konsegwenza fiżika tal-offiżi setgħet tassew kienet ta' importanza żgħira, evidentement l-effett ikkonsidrat moralment, ma kienx ta'

importanza żgħira.  Fil-fatt, Alfred Mangion xehed li meta waqa' mal-art minħabba li saqajh kienu marbutin, weġġa' koxxtejh u għamel tliet ġimgħat ma setax jitbaxxa.

L-imputat Tano Farrugia bħala wieħed mill-ħallelin, bla dubju kellu sehem materjali fil-kommissjoni tad-delitt u fl-aħjar ipotesi għalih, jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li ma kienx l-awtur tad-delitt, il-provi juru inkonfutabbilment illi kien xjentement għen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ġie ippreparat u kkunsmat.

Il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Ġenerali li huma riskontrabbli wkoll fil-fattispeċje tar-reat taħt l-artikolu 86 tal-Kap. 9, iċ-ċirkostanzi aggravanti taħt il-paragrafu (e) tal-artikolu 87 tal-Kap. 9.  Is-sekwestru tal-persuna ta' Alfred Mangion evidentement sar bil-ħsieb li jiġi faċilitat id-delitt ta' serq u mhux estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u lanqas biex jiġi faċilitat it-trasferiment ta' ħwejjeġ ('property') tal-vittma.  L-estorsjoni hija reat kriminali *ad hoc*, maħsub taħt l-artikoli 112 u 113 tal-Kap. 9 u bħala tali huwa distint mir-reat ta' serq.  Konsegwentement, billi l-liġi fil-paragrafu (e) tal-artikolu 87(1)(e) tal-Kap. 9 tagħmel riferenza espressa għar-reat ta' estorsjoni u mhux ukoll għar-reat ta' serq, iċ-ċirkostanzi aggravanti maħsuba fil-paragrafu (e) ma jiffigurawx f'dan il-każ.  Iżda irid jinżamm ferm illi l-istess att tas-sekwestru illegali ukoll ta lok għall-ksur ta' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi penali fosthom is-serq bil-vjolenza u bis-sekwestru tal-persuna u offiżi fuq il-persuna u għalhekk, isib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni b'dan li għandha tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi.

L-imputat Tano Farrugia għandu jinstab ħati wkoll, konsegwentement, għar-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza għaliex l-attentat ta' serq sar bit-twettiq ta' vjolenza fil-waqt tas-serq, liema att ikkaġuna offiża fuq il-vittma, kif ukoll bil-vjolenza numerika għaliex kif xehed Angelino Mifsud, kienu tlieta l-persuni li ħarġu mir-residenza ta' Alfred Mangion u ħarbu b'karozza.  Għaldaqstant, l-imputat Tano Farrugia sejjer jinstab ħati ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza taħt l-artikolu 262(1)(a) u (b) tal-Kap. 9.  Id-delitt huwa aggravat ukoll bil-kwalifika tal-lok billi jirriżulta li dan ġie kommess ġewwa d-dar tal-abitazzjoni tal-vittma, Alfred Mangion.

Billi l-attentat ta' serq sar flimkien ma' offiża ħafifa fuq il-vittma kif ukoll sekwestru tal-persuna, isibu riskontru wkoll id-dispoiżżjonijiet tal-artikolu 274(ċ) u l-artikolu 275 tal-Kap. 9, bil-piena mizjuda bi grad jew żewġ gradi taħt l-artikolu 276A tal-Kap. 9 minħabba l-fatt illi l-vjolenza bħala kwalifika tad-delitt tal-attentat ta' serq, ġiet diretta kontra persuna, ċioe' il-vittma Alfred Mangion, li kienet diġa' għalqet l-eta' ta' sittin sena fiż-żmien tad-delitt[47]. Isibu riskontru wkoll id-dispożizzjoniijet tal-artikolu 277(a) tal-Kap. 9 għaliex l-attentat tas-serq hu ikkwalifikat bil-"vjolenza" anke skont l-artikoli 274 u 275, kif ukoll bil-kwalifika tal-lok taħt l-artikolu 261(e) tal-Kap. 9[48]. Għaldaqstant, il-piena taħt l-artikolu 276A ma tistax tingħata fil-*minimum* u trid tinħadem bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Kap. 9. Madanakollu, jrid jiġi applikat it-tnaqqis fil-piena ta' grad wieħed taħt l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9.

Il-Qorti ma taqbilx illi l-attentat ta' serq huwa aggravat bil-kwalifika tal-valur taħt l-artikolu 267 tal-Kap. 9 fil-konfront tal-imputat Tano Farrugia. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li huwa minnu li l-imputat Braden Grixti stqarr li l-attentat ta' serq ġie ppjanat biex jinsterqu flus li kien għadu kif wiret il-vittma, fis-somma ta' ċirka €70,000 li skont Tano Farrugia kellhom jinstabu fir-residenza ta' Alfred Mangion, din l-allegazzjoni ma ġietx sorretta b'ebda mod mill-provi proċesswali u billi din il-konfessjoni saret minn wieħed mill-ko imputati, tgħodd biss fil-konfront tiegħu u ma tistax tkun ta' ħsara lill-ko imputat l-ieħor. Għaldaqstant, filwaqt li fil-konfront ta' Braden Grixti l-attentat tas-serq jirriżulta bil-konfesssjoni tiegħu stess li huwa aggravat bil-valur, din il-kwalifika ma hijiex ippruvata kif imiss fil-konfront tal-imputat Tano Farrugia.

Ma jirriżultax lanqas illi l-attentat ta' serq huwa aggravat bil-mezz għaliex ma jirriżultax prova ta' ksur, jew skalata jew l-użu ta' mfietaħ foloz kif imfisser fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 263 sa 266 tal-Kap. 9. Ma jirriżultax illi l-ħallelin jew xi

[47] Ara estratt miċ-ċertifikat tat-twelid ta' Alfred Mangion Dok. FF2.
[48] Fil-każ tal-imputat Braden Grixti, l-attentat ta' serq bi-vjolenza u bil-lok huwa akkumpanjat ukoll mill-kwalifika tal-valur.

ħadd minnhom, fil-waqt tas-serqa, żebgħu wiċċhom jew libsu maskra jew għata oħra tal-wiċċ, għajr għal hoodie, jew għamlu xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura. Mhux ippruvat lanqas illi qabel jew biex għamlu s-serq, l-imputati ħadu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari jew ivvantaw falzament, xi ordni maħruġ minn awtorità pubblika. Huwa minnu li l-vittma fetaħ il-bieb għaliex kien imġiegħel jemmen li kienu waslu addetti tal-kumpannija Go, iżda dawn il-mezzi qarrieqa li ntużaw biex jgħinu s-serq ma jikkostitwixxux pretensjoni ta' titolu ta' uffiċjal ċivili jew militari jew ta' ordni ta' awtorita' pubblika.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Avukat Ġenerali huwa errat ukoll meta jindika l-kwalifika tal-persuna u tal-ħin taħt l-artikolu 261(d) u (f) tal-Kap. 9. Ma hemm xejn x'juri li għall-ħabta tas-6.30 a.m. fit-22 ta' Mejju 2019 kien għadu ma sebaħx. Għall-kuntrarju, dan huwa eskluż minn eżami tal-filmati esebiti fl-atti fejn jidher il-vettura Toyota Vitz għaddejja mit-toroq tal-Mosta, fejn jirriżulta li dak il-ħin kien diġa' sebaħ sew. Fir-rigward tal-kwalifika tal-persuna, ma ntweriex illi xi wieħed mill-imputati daħal fil-lok tas-serqa minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx li Tano Farrugia daħal fir-residenza ta' Alfred Mangion fejn ikkommetta l-attentat ta' serq, għaliex kien qed jaqdi xi dover konness mal-impieg tiegħu għaliex kif rajna ma kellu ebda impenn bħala impjegat ta' Installations Network Technology Limited biex jidħol fir-residenza ta' Alfred Mangion u lanqas biex iwaħħal kaxxa tal-*fibre-optic* fuq il-faċċata tal-istess residenza għan-nom tal-kumpannija Go u għalhekk, id-delitt ma jistax jitqies li seħħ f'post li l-imputat kellu aċċess għalih minħabba l-impieg tiegħu mal-kumpannija Installations Network Technology Limited jew xi inkarigu appaltat lilu mill-kumpannija Go. Fil-fatt, kif rajna, il-pretensjoni ossia titolu li ġie vvantat minnu biex jikseb aċċess għar-residenza ta' Alfred Mangion, kien falz.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat Braden Grixti għandu jinstab ħati wkoll tar-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza taħt l-artikolu 262(1)(a) tal-Kap. 9 kif ukoll taħt il-paragrafu (b) tal-istess artikolu 262 tal-Kap. 9 għaliex huwa stqarr li kienu tliet persuni b'kollox

li daħlu jisirqu mingħand Alfred Mangion – kif ġie affermat ukoll minn Angelino Mifsud - fejn jirriżulta wkoll li waqt l-attentat ta' serq, il-vittma sofra offiżi ta' natura ħafifa skont kif definiti fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9. Braden Grixti ikkonfessa wkoll li assista lill-oħrajn biex iżomm lill-vittma sakemm rabtulu saqajh u għalhekk ippartecipa fis-sekwestru tal-vittma u għandu jinstab ħati ta' attentat ta' serq li sar flimkien ma' offiża ħafifa fuq il-vittma kif ukoll sekwestru tal-persuna. Dan ifisser li jsibu riskontru wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 274(ċ) u l-artikolu 275 tal-Kap. 9, bil-piena miżjuda bi grad jew żewġ gradi taħt l-artikolu 276A tal-Kap. 9 minħabba l-fatt illi l-vjolenza bħala kwalifika tad-delitt tal-attentat ta' serq, ġiet diretta kontra persuna, ċioe' il-vittma Alfred Mangion, li kienet diġa' għalqet l-eta' ta' sittin sena fiż-żmien tad-delitt (ara estratt miċ-ċertifikat tat-twelid ta' Alfred Mangion).

Iżda irid jinżamm ferm ukoll il-fatt illi l-istess att tas-sekwestru illegali ukoll ta lok għall-ksur ta' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi penali fosthom is-serq bil-vjolenza u bis-sekwestru tal-persuna u offiżi fuq il-persuna u għalhekk, isib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni b'dan li għandha tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi.

Fil-każ ta' Braden Grixti, il-Qorti tqis li l-attentat ta' serq huwa kwalifikat ukoll bil-valur taħt l-artikolu 261(ċ) u 279(b) tal-Kap. 9, għaliex l-imputat innifsu stqarr waqt l-interrogazzjoni li l-ħsieb tal-kompliċi tiegħu kien li jfittxu u jisirqu flus fis-somma ta' bejn €50,000 u €70,000 f'kontanti li kellhom jinstabu x'imkien fir-residenza tal-vittma. Fil-fatt huwa ammetta wkoll waqt l-interrogazzjoni illi waqt li l-vittma kien marbut, huwa kien qed ifittex u jqalleb mad-dar biex isib envelop kontenenti dan il-flus.

Isibu riskontru wkoll id-dispożizzjoniijet tal-artikolu 277(a) tal-Kap. 9 għaliex l-attentat tas-serq hu ikkwalifikat bil-"vjolenza" skont l-artikoli 274 u 275 kien akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-lok taħt l-artikolu 261(e) tal-Kap. 9[49]. Għaldaqstant, il-piena taħt l-artikolu 276A ma tistax tingħata fil-*minimum*. Din il-

[49] Kif ukoll l-artikolu 269 tal-Kap. 9.

piena tibqa' tgħodd minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 280(3) tal-Kap. 3. Iżda minn dan għandu jitnaqqas grad fil-piena minħabba d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9.

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika l-artikolu 222A tal-Kap. 9. Dan l-artikolu, fiż-żmien tar-reati, kien jipprovdi fl-ewwel subartikolu tiegħu illi l-pieni msemmija fl-artikoli preċedenti, fosthom għalhekk l-artikolu 221 tal-Kap. 9, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-offiża ssir fuq persuna li *inter alia* tkun għalqet l-eta' ta' sittin sena. Madankollu, is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ġie mħassar bl-Att LXV tal-2021 u llum l-artikolu 222A tal-Kap. 9 ma għadux jipprovdi għal żieda fil-piena għar-reati fosthom taħt l-artikolu 221 tal-Kap. 9. Għaldaqstant, l-imputati għandhom jibbenefikaw minn din l-emenda leġislattiva anke għaliex huwa prinċipju ben stabbilit illi fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għal reat kriminali, għandha tiġi imposta l-piena l-iktar favorevoli bejn il-piena li kienet applikabbli fiż-żmien tar-reat u l-piena applikabbli fiż-żmien tas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi biżżejjed li Braden Grixti huwa reċidiv.

Tassew ġew prodotti fl-atti kopja awtentikata ta' żewġ sentenzi[50] li ngħataw fil-konfront ta' persuna li ġie ppruvat ukoll li għandha l-istess konnotati[51] u identita'[52] tal-imputat odjern, Braden Grixti li nstab ħati tad-delitt ta' serq u d-delitt ta' offiża fuq il-persuna, ma jirriżultax li huwa ġie kkundannat piena għad-delitti li dwarhom instab ħati. Minflok, iż-żewġ sentenzi qiegħdu lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għall-fini tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 . Ġie diversi drabi ritenut illi s-sanzjonijiet maħsuba taħt l-Att dwar il-Probation - billi jingħataw bħala alternattiva minflok piena - ma jikkostitwixxux "*kundanna*" għall-fini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9.

---

[50] Dok. KF1 u Dok. X.
[51] Karta tal-identita' bin-numru 104393M.
[52] Ara xhieda tal-Assistent Kummissarju Kevin Farrugia.

Il-Prosekuzzjoni baqgħet ma produċiet ebda sentenza oħra fejn l-imputat ġie kkundannat fil-passat għal reat jew delitt u għalkemm huwa minnu li l-fedina penali tiegħu[53] tinsab fost il-provi proċesswali u jirriżulta minn eżami tal-istess illi l-imputat ġie kundannat għal multa fil-passat għal reat kriminali, huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-fedina penali m'hijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva. L-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena li għanhda tiġi erogata, il-Qorti filwaqt li ma tistax twarrab il-gravita' tar-reati li wettaq l-imputat, ser tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi Braden Grixti ikkonfessa l-ħtija tiegħu fl-istqarrija awdjo-viżwali u kko-opera pjenament mal-investigaturi billi tahom id-dettallji kollha tal-pjan li ġie mfassal biex titwettaq is-serqa. Sejjer jingħata piż ukoll lill-fatt illi huwa ddispjaċih ferm għal egħmilu u wera rimors ġenwin. Il-Qorti qieset ukoll illi mhux ippruvat kif imiss li Braden Grixti kien parteċipi fil-komplott biex tintrebaħ il-fiduċja tal-vittma meta fis-17 ta' Mejju 2019,

[53] Paġna 7 *et seq.* tal-atti proċesswali.

kien ġie mgħarraf minn żewġ persuni oħra, wieħed minnhom l-imputat Tano Farrugia, li ftit ġranet wara kienu ġejjin jaħdmu għandu. Għaldaqstant, għalkemm il-fedina penali tiegħu hija waħda pjuttost allarmanti tenut kont tal-fatt li l-imputat għad kellu biss 26 sena meta kkommetta d-delitti in diżamina, il-Qorti sejra teroga piena li toqrob lejn il-minimum. Iżda mhux sejra timponi sanzjoni komunitarja għaliex huwa evidenti minn eżami tal-fedina penali tiegħu illi ingħata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruħu permezz ta' sanzjonijiet fil-komunita' iżda xorta waħda baqa' ma għarafx jislet il-benefiċċju maħsub.

Jirriżulta wkoll li Braden Grixti għandu problema ta' abbuż mid-droga u stqarr li jixtieq li jingħata għajnuna biex jegħeb dan il-vizzju. Għalhekk il-Qorti serja tpoġġih taħt Ordni ta' Trattament għaż-żmien kollu li tagħti l-liġi biex jiġi assigurat li dan it-trattament ikun ta' suċċess.

Fir-rigward l-imputat Tano Farrugia, il-Qorti qieset mhux biss il-gravita' tar-reati li ġew kommessi iżda wkoll ir-raġġiri li ntużaw minnu biex iqarraq bil-vittma u l-estremi li jirriżulta li adopera biex jikkommetti s-serqa. Tosserva wkoll illi l-imputat Tano Farrugia tpoġġa taħt Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2022, u minn din is-superviżjoni jirriżulta illi huwa jabbuża mid-droga kokaina tant illi ħames kampjuni li ssottometta għal testjar minn seba' kampjuni, irriżultaw pożittivi għal din id-droga. Minkejja n-nuqqas ta' stabbilita' f'dan il-qasam ta' ħajtu, Tano Farrugia minflok ma ra kif indirizza dawn il-problemi, ma baqax iżomm kuntatt mal-uffiċjal tal-Probation u ma jirriżultax li għamel xi tentattiv biex jegħleb il-problema tal-abbuż tad-droga. Fil-fatt, l-aħħar appuntament li attenda kien fis-17 ta' Mejju 2023 u ma attenda għal ebda appuntament ieħor u ma kien hemm ebda kuntatt ieħor minkejja diversi tentattivi da parti tal-Uffiċjal tal-Probation biex isir kuntatt miegħu[54]. F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti tqis li l-imputat Tano Farrugia m'huwiex interessat li jirriforma ruħu billi jindirizza l-vizzju tad-droga u jipprova jwarrbu minn ħajtu - vizzju li jista' biss ikompli tmexxih fil-ħajja tal-kriminalita' - u għalhekk, anke għaliex wera li ftit hemm prospett li jżomm kuntatt u jimxi mad-

[54] Ara diversi rapporti tal-Uffiċjal tal-Probation, Marilyn Formosa.

direttivi ta' uffiċjal tal-Probation, il-Qorti ma tqisx li huwa kandidat idoneu biex jingħata sanzjoni fil-komunita' u tinnota wkoll li huwa qatt ma wera ebda rimors għal egħmilu.

Iżda f'kull każ jeħtieġ li Tano Farrugia jingħata trattament mandatorju biex jiġi assigurat li r-rijabilitazzjoni tiegħu anke permezz tal-iskontar tal-piena, tkun waħda kompluta u effettiva. Sejjer jittieħed qies ukoll tal-fedina penali netta tal-imputat Tano Farrugia fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi in konklużjoni għandu jingħad illi m'hijiex konvinta illi l-vettura Toyota Vitz ta' lewn griż li rikbu fiha t-tliet persuni li ħarġu mir-residenza ta' Alfred Mangion fit-22 ta' Mejju 2019 għall-ħabta tas-6.30 a.m. u li fil-filmati elevati minn diversi CCTV cameras[55] inqabdet ħierġa minn Triq l-Isperanza għal Triq Nicolo Isouard, il-Mosta, hija tassew il-vettura Toyota Vitz liċenzjata f'isem Fiona Farrugia, mart l-imputat Tano Farrugia. Għalkemm in-numru ta' reġistrazzjoni tal-getaway vehicle Toyota Vitz m'huwiex identifikabbli mill-filmati fejn il-vettura tintlemaħ ħierġa mill-Mosta fid-data u l-ħin in diżamina, Braden Grixti waqt l-interrogazzjoni, stqarr illi ma kienx ċert jekk fit-22 ta' Mejju 2019 meta għaddew għalih id-dar b'Toyota Vitz, kienx qed isuq Tano Farrugia jew Roderick Zahra. Huwa minnu wkoll li l-messaġġi li ġew skambjati bejn Roderick Zahra u Tano Farrugia juru illi l-ftehim kien li Tano Farrugia jgħaddi għalih fis-6.00 a.m. iżda Braden Grixti stqarr li kien ċert li meta telqu minn fuq il-post tad-delitt, kien Roderick Zahra li kien qed isuq il-vettura.

Fuq kollox il-fatt illi skont kif jirriżulta mix-xhieda ta' Karen Cremona, Roderick Zahra kellu reġistrat f'ismu fiż-żmien tar-reati, vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni RYH 368, ta' lewn silver li huwa l-istess kulur bħall-vettura Toyota Vitz liċenzjata f'isem Fiona Farrugia. Għaldaqstant, anke għaliex ma ġewx prodotti fl-atti evidenza tad-dehra tal-vettura Toyota Vitz RYH 368 ta' Roderick Zahra id-dehra ta'

---

[55] Ara time-line Dok. MC3.

din il-vettura tista' tiġi mqabbla mal-vettura Toyota Vitz li tidher fil-filmati tas-CCTV cameras[56] u tiġi eskluża bħala l-vettura li ntużat mill-ħallelin biex waslu u telqu mill-post tad-delitt fit-22 ta' Mejju 2019, il-Qorti m'hijiex sodisfatta lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-vettura li ntużat għall-fini tal-kommissjoni tad-delitt hija tassew il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA 527 reġistrata f'isem Fiona Farrugia ad esklużjoni tal-vettura tal-istess għamla u kulur reġistrata f'isem l-imputat Roderick Zahra u konsegwentement mhijiex sejra tqis il-vettura esebita formalment fl-atti bħala Dok. LZ8[57] bħala l-corpus delicti għall-fini ta' konfiska taħt l-artikolu 23 tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi:-**

**Fir-rigward ta' TANO (GAETANO) FARRUGIA, wara li rat l-artikoli 17(h), 20, 31, 41(1)(a), 86, 87(1)(ċ), 214, 215, 221(1), 261(a)(e), 262(1)(a)(b)(2), 269, 274(ċ), 275, 276A u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu u tikkundannah tliet (3) snin priġunerija effettiva.**

**Fir-rigward ta' BRADEN GRIXTI, wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li rat l-artikoli 17(h), 20, 31, 41(1)(a), 42, 86, 87(1)(ċ), 214, 215, 221(1), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 267, 269, 274(ċ), 275, 276A, 277(a), 279(b) u 280(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah tliet (3) snin priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' Tano (Gaetano) Farrugia u Braden Grixti għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Alfred Mangion għal żmien tliet (3) snin li jibdew jiddekorru hekk kif tiġi skontata l-piena ta' priġuinerija.**

---

[56] L-Ispettur Fabian Fleri xehed li l-vettura ta' Fiona Farrugia tixbaħ ħafna lit-Toyota Vitz li dehret fil-filmati.
[57] Riċevuta relattiva wkoll Dok. LZ8.

**Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mill-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, tordna li l-Ordni ta' Trażżin jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-kaz.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil TANO (GAETANO) FARRUGIA u lil BRADEN GRIXTI għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma ta' elf, seba' mija u tlieta u disgħin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,793.23) rappreżentanti terz (1/3) kull wieħed tal-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' wħud mill-esperti jew periti fil-proċeduri u jew fl-istadju tal-proces-verbal tal-inkjesta[58] u dan fi żmien sena.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tagħha.**

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' TANO (GAETANO) FARRUGIA u BRADEN GRIXTI a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħataw kull wieħed trattament biex jindirizzaw u jegħlbu l-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Probation u Parole biex jieħu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħatja u jimplimentaha.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

---

[58] Dr. Mario Scerri (Dok. MS1, €273.70); Dr. Steven Farrugia Sacco (Dok. SFS, €1824.70); Dr. Richard Sladden (Dok. RS1, €571.83); PC 406 Sean Micallef (€138.10); Dr. Martin Bajada (€915.79); Perit Valerio Schembri (€1,447.98); PS 637 Kevin Manicolo (€77.44); Marisa Lautier Mifsud (Dok. MM, €130.14). Total ta' €5,379.68.

**MAĠISTRAT.**